**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 792/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tran Manh Hung**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Tran Manh Hung, detentur tal-passaport Vietnamese bin-numru C5817674, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fix-xahar ta' Ottubru 2023 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

1. Irrenda ruħu kompliċi flimkien ma' persuni oħra sabiex b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;
2. Irrenda ruħu kompliċi flimkien ma' persuni oħra sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarrazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
3. Irrenda ruħu kompliċi flimkien ma' persuni oħra sabiex jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel uzu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar 2024, fejn il-Qorti ddeċidiet illi –

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni fil-konfront tal-imputat;
2. Wara li rat l-Artikoli 42(a)(b) u (e) u 187(1) u l-Artikoli 42(a)(b) u (e) u 188(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel zewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundanatu għal piena karċerarja ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija, li minnha għandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri biss;
3. Inoltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw għas-somma ta' elf ħames mija, sitta u tletin Euro u tnejn u ħamsin ċentezmu (€1,536.52) li għandhom jitħallsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant Tran Manh Hung, ippreżentat fit-18 ta' Frar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja s-sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dan billi tikkonfermaha fejn hija astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u alternattivament jekk xorta issib ħtija, tvarja l-piena nflitta billi tipprovdi piena aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant fl-appell minnu ntentat jikkritika is-sentenza appellata meta din sabitu ħati ta'l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan kemm fuq bażi ta' dritt kif ukoll ta' fatt. Finalment jilmenta b'mod sussidjarju illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva, tenut kont tal-fatt illi l-moħħ wara l-kummssjoni tar-reat ta' falsifikazzjoni kien ikkundannat sena priġunerija u kwindi għal piena iktar miti minnu.

Illi fl-ewwel lanjanza tiegħu l-appellant jisħaq li f'*pessima ipotesi* huwa kellu jinstab ħati tar-reat imfassal fl-Artikolu 187(2) tal-Kodiċi Kriminali u mhux dak indikat fis-subartikolu (1). Imbagħad jilmenta illi lanqas fuq il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni ma setgħet tirriżulta l-ħtija u dan b'mod ewlieni minħabba l-inverosimiljanza tat-testimonjanzi tax-xhieda Phong Thanh Nyugnem u Sasho Stoilkovski, li meta mqabbla mad-deposizzjoni tiegħu kellha twassal sabiex huwa jkun illiberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, kuntrarjament għall-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti fejn din għoġobha tiddikjara x-xiehda tiegħu bħala waħda inattendibbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dan il-każ jemerġi minn stħarriġ li kienet qed tagħmel il-pulizija rigward applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza ġewwa *Identity Malta* minn diversi persuni ta' nazzjonalita filippina u vjetnamiti li kienu qed jippreżentaw bħala prova ta' residenza kuntratti ta' kera allegatament foloz. Illi fost id-diversi persuni mitkellma mill-pulizija nhar il-5 ta' Ottubru 2023 ġie arrestat ċertu Phong Thanh Nyugnem minn ġewwa l-uffiċini ta' *Identity Malta* wara li kien ippreżenta ruħu hemmhekk b'kuntratt ta' kera allegatament iffalsifikat. Dan kien stqarr mal-pulizija li kien ħallas lill-appellant €500 sabiex jipprovdielu dan il-kuntratt, u li din il-persuna kienet akkompanjatu ġewwa l-uffiċini ta' *Identity Malta* biex tgħinu bħala interpretur. Il-pulizija ipproċedew għall-arrest ta'l-appellant li minn naħa tiegħu indika persuna oħra involuta f'din il-konġura kriminali, ċertu Sasho Stoilkovski li kien iffalsifika dan il-kuntratt u li l-pulizija kienu diġa' jafu bih mill-investigazzjoni li kienet għaddejja. Saret tfittxija fir-residenza ta'l-appellant minn liema tfittxija ġew elevati: –

1. ***38 x 100 euro notes***
2. ***11 x 200 euro notes***
3. ***10 x 50 euro notes***
4. ***Several documents belonging to other Vietnamese nationals***

Illi, l-istqarrija rilaxxata mill-appellant lill-Pulizija ma'l-arrest tiegħu kienet skartata bħala prova mill-Ewwel Qorti stante li din ma ttieħditx skont il-liġi, minn liema parti tas-sentenza ma hemm ebda appell.

Illi, Phong Thanh Nyugnem xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn qal li kien l-appellant li kien ħa ħsieb jipprokuralu id-dokumenti biex huwa jkun jista' iressaq l-applikazzjoni ma' *Identity Malta*:

> "**Hung ħadu biex jagħmel il-fingerprints, ħariġlu l-insurance u kien ħadu biex jieħu l-injection**".

Ikompli jixhed li hu ma jaf xejn u li kien ħalla f'idejn l-appellant. Dan wassal sabiex hu kien ddikjarat bħala xhud ostili mill-Ewwel Qorti u nqratlu l-istqarrija minnu mogħtija nhar il-5 t'Ottubru 2023, fejn kien għazel li ma jkollux assistenza legali. Fl-istess stqarrija tenna illi kien ħabib ta' oħtu li introduċieh mal-appellant u li "**The lease contract was provided to me by Hung to whom I still have to pay 500 euros**". Stqarr pero' li hu ma kien jaf xejn u li lanqas seta' jaqra l-kuntratt għax la jaf jaqra u lanqas jitkellem bil-lingwa Ingliza – "**Everything Hung has done for me**". Stqarr ukoll li l-persuna li hija indikata bħala sid il-kera, ċertu Leonard Cassar, hu ma jafhiex, kif lanqas qatt għex fil-fond indikat fl-imsemmi kuntratt ġewwa il-Gżira. Illi, minn kopja tal-kuntratt in diżamina eżebit in atti[1], jidher bħala inkwilin Nyugnem u sid il-kera, Leonard Cassar, liema kirja kienet tikkonċerna l-fond 136, Flat 4, Triq Luqa Briffa, Gzira. Mistoqsi dwar il-firma li tidher bħala il-firma tiegħu fuq il-kuntratt, Nyugnem jisħaq li hu qatt ma ffirma dana d-dokument. Mitlub jikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija jikkonferma mingħajr esitazzjoni l-kontenut ta'l-istess.

Illi, Sasho Stoilkovski ukoll xehed *viva voce* fejn għaraf lill-appellant bħala dik il-persuna involuta miegħu f'din il-konġura kriminali u jistqarr:

[1] Dokument JR4 a fol.73

> "**Few years ago he came to collect the contract, he was there to collect the rental decleration form ... so I can make visa to come to Malta ... no to stay in Malta**".

Jispeċifika li dan kien kuntratt rigward kirja ta' appartament. Huwa kompla jispjega li kien tressaq u weħel il-ħabs "**because I made the contract for this guy that he is living there even if he was not living in that place**", u li kien għamel hekk f'madwar għaxar okkazzjonijiet differenti. Jgħid li l-appellant kien imur jiġbor dawn il-kuntratti mingħandu u kien iħallsu €170 għal kull wieħed li kien jippreparalu. Fl-aħħarnett spjega li l-appellant kien jikkomunika miegħu permezz ta' *whatsapp* imma ma kienx jafu personalment. Kopja ta' dawn il-messaġġi ġew ezebiti in atti u jikkoroborraw l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dan ix-xhud. *In oltre*, minn tfittxija li saret fir-residenza ta' l-istess Stoilkovski, instab forma ta' "*ledger*" kontenenti diversi ismijiet, fosthom tal-appellant, kif ukoll numri telefoniċi u ammonti li jistgħu jkunu ndikattivi ta' pagamenti ta' flus.

Illi, xehed ukoll Giovanni Calleja li stqarr li l-appellant jaħdem ġewwa l-fabbrika tiegħu bħala *steel worker*. Jgħid li huwa kien iħallas l-appellant bejn €1100 u €1300 fix-xahar u dana permezz ta' trasferimenti bir-*Revolut*. Din ix-xiehda tassumi rilevanza għal fatt illi fil-pussess tal-appellant meta saret it-tfittxija mill-pulizija fir-residenza tiegħu instba l-ammont ta' 'il fuq minn €6,000, għal liema mmont ta' flus l-appellant ma jagħti l-ebda spjegazzjoni.

Illi, fl-aħħarnett, l-appellant xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li Phong kien irċieva imejl mingħand *Identity Malta* li kienet tgħid li fi zmien ħamest ijiem kellu jipprezenta xi dokumenti. Huwa kien prova jgħinu u kellu ħabib tiegħu li kien idderiġih sabiex imur għand Sascho. Huwa jgħid li - "**Mort għand Saso biex tajtu l-informazzjoni ta' Fomm kollha u Saso kellu jirranġa l-affarijiet għalih għal Phong**". Jgħid li huwa fehem li "**l-owner jagħmel kuntratti anka għal nies oħrajn jew kuntratti oħrajn**". Jispjega li hu u Stoilkovski dejjem iltaqgħu barra fit-triq sabiex dan tal-aħħar jgħaddilu l-kuntratti, u dana ħdejn post li kellu l-avviż "*flat to rent*" indikat fuqu. L-appellant spjega li minħabba f'hekk huwa kien fehem li "**dan hu post fejn isir servizz għal kiri**".

Illi abbażi ta' din l-evidenza u l-provi l-oħra ċirkostanzjali ippreżentati mill-Prosekuzzjoni, l-Ewwel qorti kienet tal-fehma illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant kienet waħda inattendibbli meta imqabbla mal-evidenza u għalhekk għaddiet biex sabet il-ħtija

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant, kif ingħad jilmenta illi huwa qatt ma seta' jkun misjub ħati tar-reat imfassal fl-Artikolu 187(1) tal-Kodiċi Kriminali, fejn hemm hekk dispost:

> **Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.**

Jikkontendi illi fl-atti ma hemm ebda prova li tindika li kien hu li ffalsifika dawn il-kuntratti, iżda *ex admissis* dan sar minn Soscha Stoilkovski, u li, fl-agħar ipotesi, setgħet tinstab ħtija għar-reat indikat fis-sub-inċiż (2) għall-artikolu 187 li jitkellem dwar l-użu xjenti ta' dokument falz.

Issa jibda biex jingħad illi ma hemm ebda dubbju li l-kuntratt eżebit bħala dokument JR4 huwa wieħed iffalsifikat. Din temerġi fl-ewwel lok mix-xiehda ta' Phong Thanh Nyugnem, li jikkonferma illi huwa qatt ma ffirma id-dokument u lanqas biss qatt ltaqa' ma' sid il-kera, kif lanqas għex fil-fond indikat fil-kuntratt. Illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-firma li tidher fuq dan id-dokument u dik li tidher fuq l-istqarrija tax-xhud eżebita in atti bħala dokument RC3, minn fejn huwa evidenti illi l-firem fuq dawn iż-żewġ dokumenti ta' Phong Thanh Nugnem huma *toto caelo* differenti.

Iktar minn hekk imbagħad, hemm ix-xiehda tal-persuna li tgħid li kienet hi l-awtur tad-dokument, u ċioe' Sascho Stoilkovski. L-appellant madanakollu ma huwiex mixli li kien l-awtur tal-falz kommess, iżda li kien kompliċi f'din il-konġura kriminali. Fil-fatt l-Ewwel Qorti wara li ċċitat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali qieset illi mill-evidenza li kienet ippreżentata quddiemha setgħet tasal għal konklużjoni illi l-appellant kien kompartecipi f'din l-allegata konġura u li kien hu li kien qed jagħti struzzjonijiet lil Stoilkovski sabiex iħejji dawn il-kuntratti foloz, liema

kuntratti imbagħad kien ighaddi lil dawk il-persuni li kienu qed ifitxxu permess ta' residenza ġewwa Malta, u dan versu korrispettiv. Fil-fatt kif tajjeb, tistqarr l-Ewwel Qorti, l-pulizija elevaw mill-pussess ta'l-appellant xejn inqas minn €6500 fi flus kontanti liema flejjes ma kenux kompatibbli mal-introjtu mill-impjieg tiegħu.

Fuq kollox il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-fehma illi l-appellant kien il-persuna li kien qed jagħmel użu minn dawn id-dokumenti iffalsifikati u dan għaliex huwa kien biss *lunga mano* jew intermedjarju bejn l-awtur tal-falz u dik il-persuna li imbagħad kienet qed tagħmel użu minn dan id-dokument iffalsifikat. L-appellant fil-fatt kien mixli bħala kompliċi fil-kummissjoni tar-reat kif ukoll li rrenda ruħu kompliċi fid-dikjarazzjonijiet foloz li allura kienu qed isiru mal-awtorita' pubblika u ċioe' ma' *Identity Malta*. Din il-kompliċita' hija ukoll riflessa fid-diversi *Whatsapp chats* eżebiti, u kkonfermati mix-xhud Sascho Stoilkovski, li jindikaw l-involviment tal-appellant f'din l-organizazzjoni kriminali.

Illi allura l-appellant ma għandux raġun fl-aggravji minnu ntentati illi huwa ma setax jinstab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, u dan għaliex, kif ingħad, huwa jinsab mixli bil-kompliċita' fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati fit-termini ta'l-artikolu 42 tal-Kodiċi kirminali, bl-ewwel Qorti issib il-ħtija taħt iċ-ċirkostanzi ravviżati fis-sub-inċiżi (a), (b) u (e) tal-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, u dan għaliex ma hemmx dubbju li l-appellant kien konsapevoli tal-aġir inkriminatorju u tan-natura illeċita tal-kuntratti li kien igħaddielu Sascho Stoilkovski, u kien kompliċi f'din l-operazzjoni kriminali li permezz tagħha kienu qed jassistu diversi persuni ,l-iktar ta' nazzjonalita vjetnamita u filippina, li kienu qed jippruvaw jiksbu permess ta' residenza hawn Malta meta ma kellhomx dritt għalih, u li għal dan l-appellant kien qed jirċievi ħlas.

Huwa indubitat miċ-cirkostanzi kif ipprezentaw rwieħhom f'dan il-każ illi mhux biss il-prezenza tal-appellant filwaqt tal-użu tad-dokument iffalsifikat, iżda ukoll l-komparteċipazzjoni tiegħu dawk l-attijiet li, kif jixhdu żewġ xhieda miġjuba mill-Prosekuzzjoni, rrendew possibbli l-kommissjoni tar-reat biex b'hekk tirriżulta l-komplicita'.

> **U tabilhaqq, il-ligi tikkunsidra bhala komplici lil min, fost kazi ohra, b'xi mod li jkun, xjentement jghin jew jassisti l-awtur tad-delitt fl-attijiet li**

**bihom id-dellit ikun gie preparat jew konsumat; imma ghas-soluzzjoni tal-punt jekk tirrikorrix din tal-forma ta' komplicita', ghandu jinzamm prezenti l-principju illi ma hux mehtieg li jigi pruvat li kien hemm xi pre-koncert formali u preliminari bejn l-ezekuturi tal-fatt delittuz u l-komplici, minn dejjem segwit fis-sistema legali malta, u l-principju l-iehor illi l-fatt li zewg persuni jew aktar ikunu qeghdin jagixxu flimkien u in komun ghall-ezekuzzjoni ta' skop apparentement kriminali hu haga li tigi argumentata, u tista' tirrizulta mill-attijiet singoli ta' dawk il-persuni; anzi narament jissucciedi illi l-fatt attwali tal-kumpannija jista' jigi pruvat b'xhieda diretti, billi ftehim simili uzwalment isirbil-heffa u segretezza; u ghalhekk issir necessarja l-prova ndizjarja[2].**

Illi dawn l-elementi meħtieġa sabiex temerġi l-kompliċita' f'dan il-każ tinsab mhux biss fix-xiehda diretta ta' tnejn minn nies direttament involuti u li jippuntaw subgħajhom lejn l-appellant, iżda ukoll mill-evidenza indizzjarja u ċirkostanzjali li kollha jindikaw l-involviment tal-appellant fil-kummissjoni tad-delitt. Illi għalhekk il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti li fuq kollox kellha ix-xorti tisma' u tara lix-xhieda jixhdu *viva voce* u li tosserva il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Illi kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant fl-aggravji tiegħu, kif tajjeb tindika l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, ix-xhud Phong Thanh Nyugnem ikkonferma mingħajr eżistazzjoni l-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija fejn jimplika lill-appellant, u inoltre huwa indubitat mix-xiehda ta' Sasho Stoilovski illi l-appellant kien ben konxju tal-fatt illi l-iskritturi li kien qed jippreparalu dan ix-xhud kienu foloz, tant illi saħansitra dan ix-xhud kien irrediġa xejn anqas minn għaxar kuntratti li huwa jiddikjara fix-xiehda tieghu li kienu foloż, u li l-appellant kien imur u jiġborhom minn għandu moħmija u lesti. Għaldaqstant l-aggravji tal-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment.

Finalment l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva tenut kont illi huwa ma kienx il-moħħ wara din il-konġura kriminali, liema persuna weħel sena priġunerija u allura piena ferm iktar miti minnu, u li l-appellant kien jikkommetti dawn id-delitti minħabba burokrazija żejda li dawn l-immigranti vulnerabbli kienu jiffaċċjaw mal-wasla tagħhom ġewwa Malta. Jikkontendi illi bħala persuna vulnerabbli u b'fedina penali netta, l-Ewwel Qorti kellha tkun iktar klementi miegħu. Jimplika f'dan l-aggravju illi l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex timponi piena

[2] IL-PULIZIJA vs AGATHA BARBARA ET. – 27/06/1958 – App. Inf

karċerarja effettiva għar-raġuni illi hija baqgħet tiċħad id-diversi talbiet magħmula minnu għal ħelsien mill-arrest u kwindi mponiet piena karċerarja sabiex tiġġustifika dan l-arrest.

Illi mingħajr tlaqliq il-Qorti tqis illi l-argumenti li jressaq l-appellant sabiex jiġġustifikaw b'xi mod temperament fil-piena huma għal kollox fiergħa u mingħajr ebda bażi legali u fattwali. Jibda biex jingħad illi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li teroga dik il-piena li tqis li hija l-iktar idonja għaċ-ċirkostanzi ta' kull każ li jkun ippreżentat quddiemha u huwa ngust u slejali li jkun implikat illi l-qorti tkun imponiet piena karċerarja effettiva sabiex tiġġustifika xi deċiżjoni oħra li tkun ħadet fejn lil persuna mputata hija tkun ċaħditlu il-ħelsien mill-arrest.

Illi l-Ewwel Qorti immottivat id-deċiżjoni tagħha u dak li wassalha teroga il-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija, u mhux piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni. Qiset, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, illi kien hu l-persuna li kien qed jabbuża mill-vulnerabbilita' ta' persuni dgħajfa fis-soċjeta u li kien qed jagħmel profitt minn fuqhom. Ma jidhirx mill-provi illi l-appellant kien xi vittma ta' xi aġir kriminuż, iżda li kien komparteċipi fl-istess. Mhux biss, iżda il-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija hija waħda li tqarreb lejn l-minimu u kwindi lanqas ma jidher illi din kienet xi waħda eċċessiva. Illi finalment il-paraguni huma odjużi u l-fatt illi l-kompliċi tiegħu fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati weħel piena iktar miti, wara ammissjoni minnu reġistrata, ma jfissirx awtomatikament illi l-piena fuqu imposta kienet b'xi mod kontra l-liġi, eċċessiva jew inġusta. Illi din il-Qorti taqbel pjenament mal-motivi li wasslu lill-Ewwel Qorti tinfliġġi piena karċerarja ta' tmintax-il xahar li fuq kollox hija fil-parametri u tqarreb lejn il-minimu. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**